bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Charles Portelli, iben Nazarene, imwieled l-Awstralja fil-21 ta' frar, 1973

Illum, 14 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-31 ta' marzu, 1999, u fix-xhur ta' qabel u wara din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a. bil-ħsieb li jikseb għalih nnifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hemm jew għarraq b'xi mezz li jkun ħwejjeġ tiegħu u cioe' ħabbat il-vettrua reġistrata fuq ismu Skoda Favorit, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBC 105, front to rear mal-vettura Mercedes, bin-numru tar-reġistrazzjoni KTY 150, fil-31 ta' marzu, 1999, liema nċident tat-traffiku seħħ fi triq li tagħti mir-Rabat għal Mosta;
b. b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 għad-dannu tas-soċjeta' Middle Sea Insurance, Bonnici Insurance u kumpaniji ta' l-assikurazzjoni oħra u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-18 ta' jannar, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 295, 308, 309 u 310(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina ta' l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.